**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 16 - IT-TLIETA 27 TA' APRIL 2010**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-7:50pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

**1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Hekk kif bdiet il-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Viċi Sindku kien infurmah li minħabba impenji ta' xogħol ma setax jattendi għal-laqgħa.

1.2. Meta mistoqsija s-Sindku infurmat li dwar iż-żjara f'Reggio kien għad ma kellhiex risposta.

1.3. Kif tressqu l-minuti għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni, il-Kunsilliera Miceli ipproponiet li fl-aħħar sentenza tal-paragrafu numru 8.2, qabel il-kelma 'mingħajr' jiddaħħlu l-kliem 'uħud minnhom'. Il-Kunsill qabel.

1.4. Il-Kunsillier Sammut staqsa dwar jekk hemmx il-ħtieġa ta' kjarifika għall-para. 11.1 iżda kien hemm qbil li wieħed għandu jistenna sakemm l-iżviluppatur Paul Xuereb jibgħat il-pjanti bil-proposti.

1.5. Il-minuti imbagħad kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE kif emendati.

**2. IL-PROPOSTA GĦALL-PROĠETT TAL-PJAZZA**

2.1. F'dan il-ħin kien hemm deċiżjoni unanima li l-Kunsill jidħol fid-dettall tal-proposta tal-proġett tal-Pjazza. Is-SE għalhekk wera l-pjanta u d-dettalji relatati fuq l-iskrin.

2.2. Wara li kulħadd ikkonferma li kien qiegħed jifhem dak li kienet tinkludi l-proposta fil-pjazza, il-Kunsill daħal fid-dettall tad-direzzjonijiet tat-traffiku.

2.3. Kien hemm qbil li fir-rigward ta' Triq il-Kbira, biex ma jkunx hemm traffiku mblukkat jistenna fil-Pjazza lil xi ħadd li jrid jidħol fi Triq il-Kbira, id-direzzjoni tat-traffiku f'din

it-triq għandha tinbidel u tiġi toħroġ lejn il-Pjazza. Wieħed għandu però jidħol fid-dettall tal-kumplament tat-triq biex ma jkunx hemm inkonvenjenza għar-residenti.

2.4. Il-Kunsill talab ukoll biex issir modifika fil-pjanta biex min ikun ħiereġ minn Triq il-Kbira jingħata l-possibiltà li jdur fid-direzzjoni ta' Triq il-Parroċċa. Kien hemm qbil li b'dan mhux suppost ikun hemm ostaklu għat-traffiku għaliex l-istennija biex wieħed joħroġ se tkun fi Triq il-Kbira.

2.5. Fl-aħħar nett il-Kunsill talab li jkunu ppreparati viżwali grafiċi (3D) u pjanti dettaljati li jinftehmu mill-pubbliku faċilment. B'dan il-mod tkun tista' ssir wirja bħala parti mill-konsultazzjoni mal-pubbliku u fl-istess waqt ikunu jistgħu jgħaddu l-kummenti tagħhom.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku talbet lis-SE biex jibgħat ifakkar għar-risposti mingħand HSBC dwar l-isponsor u għall-kwotazzjoni tad-dawl u s-*sound* għall-avveniment tal-20 ta' Ġunju.

3.2. Is-Sindku infurmat li ftit tas-sigħat qabel iltaqa' l-bord tal-ilmenti fejn kien hemm ammont sostanzjali ta' talbiet għal xogħol ta' bankini. Għal dan il-għan kien suġġerit li l-Kunsillieri Galea u Sammut iduru l-bankini kollha u jissuġġerixxu lista ta' prijoritajiet skont il-bżonn u skont kriterji li jiġu stabbiliti minn qabel. Il-Kunsill qabel.

3.3. Is-Sindku ssuġġeriet ukoll li, biex it-tiswija tal-bankini ssir malajr, il-Kunsill jagħmel sejħa għal voluntieri biex jagħmlu xogħol ta' bankini filwaqt li l-Kunsill jipprovdi l-konkos. Hija temmen li l-istess residenti fejn isir ix-xogħol jipparteċipaw.

3.4. Is-SE informa li għal dan ix-xogħol huwa meħtieġ ċertu sengħa u makkinarju goff. Is-Sindku spjegat li l-idea tagħha hija li l-kuntrattur jitqabbad jaqla' l-bankina u jpoġġi l-kurduna fejn ikun meħtieġ u l-voluntieri jifirxu biss il-konkos. Is-SE ġibed l-attenzjoni biex meta u jekk din tasal biex isseħħ, wieħed għandu jevalwa l-ispejjeż kollha involuti biex jaċċerta li din hija fattibbli u li toffri l-aħjar valur fi flus.

3.5. Il-Kunsill imbagħad qabel mal-proposta tas-Sindku filwaqt li l-Kunsilliera Miceli iddikjarat li ma taqbilx għax ma temminx li din tista' timmaterjalizza.

## 4. ESTIMI FINANZJARJI GĦAS-SENA 2010

4.1. Is-SE ippreżenta abbozz tal-estimi tad-dħul u l-infiq għas-sena 2010 li kien bagħtu qabel il-laqgħa lil kull Kunsillier. Huwa informa li r-raġuni li qiegħed jippreżenta l-estimi pjuttost tard ġejja mill-fatt li, kif kien informa lill-Kunsill aktar qabel, kien hemm dewmien fil-preżentazzjoni tal-kontijiet mill-*accountant*. Apparti dan imbagħad kien hemm xogħol kbir ieħor li kellu jsir bilfors qabel.

4.2. Is-Sindku saħqet li, fid-dawl li skont il-kontijiet mhux verifikati, il-Kunsill spiċċa bi żbilanċ ta' madwar €5,000 il-Kunsill għandu jagħmel dak kollu possibli biex ibiddel l-iżbilanċ għal bilanċ mill-aktar fis possibli. Għaldaqsant għandu jieħu miżuri biex dan ikun possibli.

4.3. Il-Kunsill għalhekk, filwaqt li qabel mal-abbozz tal-estimi kif ippreżentat ħa dawn id-deċiżjonijiet li ġejjin:

4.4. Il-Kunsill irrikonoxxa li jkun hemm ċirkostanzi fejn ikun hemm bżonn li l-istaff jidħol xogħol bħala sahra iżda kien hemm talba biex ma jiddaħlux skrivani waqt il-laqgħat tal-Kunsill ħalli s-sahra ssir meta jkunu ġejjin xi attivitajiet jew okkażjonijiet oħra skont kif meħtieġ.

4.5. Il-fuljett tal-Kunsill 'Il-Kuntatt mal-Kunsill Tiegħek' għandu jkun stampat fuq tmien paġni u jkunu ppubblikati tliet ħarġiet oħra sal-aħħar tas-sena. Dan sakemm ma jkunx hemm xi reklami li jkopru l-ispejjeż għal aktar paġni.

4.6. Dwar il-kuntratt tat-tindif tat-toroq il-Kunsill qabel li dan ikun ikopri tliet snin u mhux jiġġedded sena sena. Barra minn hekk is-SE intalab biex jinkludi t-tindif tal-grawnd tal-futbol fih ukoll bil-ħsieb li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-gwardjan tal-futbol. Il-Kunsill qabel ukoll li, filwaqt li jikkunsidra l-għoti ta' kuntratt wieħed sħiħ lil kuntrattur wieħed, l-offerta għandha tkun maqsuma f'żoni.

4.7. Kien hemm qbil li għandu jkun hemm kumitat tal-offerti biex jagħti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kunsill.

4.8. Għandu jkun hemm reviżjoni tal-kuntratt tat-tindif tal-uffiċini bil-ħsieb li jkunu mnaqqsa l-ispejjeż.

4.9. Għandu jkun hemm reviżjoni tal-kuntratt tal-bajjiet bil-ħsieb li jitnaqqsu l-ispejjeż. Dan għandu wkoll isir f'diskussjoni mal-MTA.

4.10. Dwar il-kuntratt tas-servizz tal-*handymen* il-Kunsill qabel li għandu jaċċerta li r-rata annwali ma tinqabiżx u għalhekk għal kull ħin addizzjonali li jaħdmu għandu jittieħed *time-off-in-lieu* skont l-esiġenzi tal-Kunsill. Il-Kunsill aċċetta li dan jista' jfisser li ċertu xogħol f'ċertu żminijiet se jkun anqas minħabba per eżempju xi attivitajiet. Il-Kunsill però qabel li jipprova li, meta jkun hemm xi attivitajiet ġejjin għandu jagħmel dak kollu possibbli biex ikun hemm il-voluntieri.

4.11. Il-ħin tal-gwardjan tal-futbol, sakemm ma jkunx hemm logħba bbukjata, għandu jitnaqqas għal nofs siegħa kuljum. F'dan il-ħin is-SE staqsa jekk hux il-każ li l-Kunsill ikompli jara jekk għandux jinvesti fix-xibka għall-grawnd biex ikollu aktar dħul. Il-Kunsillieri Brincat u Gatt f'dan il-ħin ikkummentaw li l-mod kif inhu l-grawnd tal-futbol ma jattirax użu tiegħu u infatti fil-każ ta' Ħal Lija wkoll jidher li ftit li xejn ikun hemm użu. Is-SE intalab jindaga dwar dan.

4.12. F'dan il-ħin issemma' s-servizz tad-*day centre* bil-ħsieb li jinstab post alternattiv u aktar komdu mis-sala tal-Kunsill. Is-SE kien mitlub jindaga mal-Kunsill Lokali Ħ'Attard dwar arranġamenti li jeżistu mal-Knisja tar-raħal biex jakkomodawhom fiċ-ċentru parrokkjali.

4.13. F'dan il-ħin il-Kunsilliera Miceli kienet skużata. Il-ħin kien l-22:07.

4.14. Is-SE ġibed l-attenzjoni għall-allokazzjoni tal-*website*. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jmur għall-irħas offerta. Tqajjmet ukoll il-mistoqsija dwar il-fatt illi, la darba l-Kunsill kien awtomatikament qiegħed jeskludi xi offerenti li offrew bi prezz ogħla, ma kienx il-każ li s-sottokumitat jiltaqa'. Is-SE irrakkomanda li l-Kumitat jiltaqa' xorta biex jagħmel evalwazzjoni bir-reqqa ta' x'inhu meħtieġ eżatt. Il-Kunsill laqa' din it-talba.

4.15. Ix-xiri tal-ġurnali għandu jitwaqqaf u kull min jinnota li jissemma xi ħaġa ta' interess għandu jiġbed l-attenzjoni tal-amministrazzjoni li imbagħad titfittex *online*.

4.16. Dwar il-kuntratt tal-ġbir ta' skart goff, filwaqt li l-Kunsill irrikonoxxa s-servizz tajjeb ħafna li qiegħed joffri l-kuntrattur, irrimarka li t-titjib fil-livell tas-servizz wassal biex id-domanda kibret u l-ispiża żdiedet sewwa matul l-aħħar sentejn u nofs. Il-Kunsill għalhekk qabel li ma jibqax joffri servizz fl-istess ġurnata u għandu joffri s-servizz darba jew darbtejn fil-ġimgħa.

4.17. Is-SE ġibed l-attenzjoni ta' Memo 31/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn kienet qed timplika li s-servizzi ta' trasport għandhom jitwaqqfu immedjatament. Il-Kunsill talab li jkollu direzzjoni ċara mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan u jekk hu l-każ, is-servizz jitwaqqaf.

4.18. Is-SE staqsa wkoll dwar is-servizz ta' trasport għall-anzjani fejn il-Kunsill qabel li dan għandu jitwaqqaf fl-iqsar żmien possibli.

4.19. Kopja tal-estimi kif approvati hija annessa f'A.

## 5. OFFERTI GĦAL XOGĦOL TA' LANDSCAPING FI TRIQ SIR H. LUKE

5.1. Is-SE ippreżenta l-kummenti tal-Perit u tal-Inġinier dwar l-offerti ta' *landscaping* fi Triq Sir H. Luke. Għal dan ix-xogħol kien hemm żewġ offerti mingħand Char Construction u Ricky Caruana rispettivament.

5.2. Il-kummenti tal-Perit kien jindika li l-offerta ta' Ricky Caruana kien l-irħas, l-istess kif ikkummenta l-Inġinier. B'żieda ma' dan iżda l-Inġinier talab aktar informazzjoni mingħand Ricky Caruana.

5.3. Il-Kunsill qabel li għandu jimxi mar-rakkomandazzjonijiet tat-tekniċi, ladarba ma kien hemm xejn x'jiddistingwi bejn wieħed u l-ieħor mil-lat ta' kwalità fuq ix-xogħol.

## 6. POLZA TAL-ASSIKURAZZJONI TAL-KUNSILL

6.1. Is-SE informa li l-polza tal-assikurazzjoni kienet waslet biex tiskadi fil-5 ta' Mejju. Huwa għalhekk beda jitlob stimi biex il-Kunsill ikollu l-aktar offerta vantaġġjuża.

6.2. Il-Kunsill qabel li, la darba kien hemm limitazzjoni ta' ħin, għandhom jiddeċiedu fl-aħjar interess is-Sindku u s-SE mill-istimi u l-proposti li jaslu.

## 7. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

7.1. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jaġġorna l-laqgħa għat-Tlieta 4 ta' Mejju fis-7:30pm bħala kontinwazzjoni bl-istess aġenda. Il-ħin kien l-22:50pm.

## KONTINWAZZJONI TAL-LAQGĦA - IT-TLIETA 4 TA' MEJJU 2010

Il-Kunsill kkompla jiltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-7:55pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier (wasal fit-8:05pm) |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm membri tal-pubbliku preżenti. | |

**8. APOLOĠIJI GĦALL-ASSENTEIŻMU**

8.1. Is-SE informa li l-Viċi Sindku kien infurmah li ma setax jattendi għal-laqgħa minħabba impenji ta' xogħol. Is-SE kompla li kien xieraq jinforma li, bi żvista, minħabba li ma kienx irrealizza li l-Viċi Sindku ma kienx konxju mid-data tat-tkomplija tal-laqgħa, minħabba li ma kienx preżenti għall-ewwel parti tal-laqgħa, huwa (is-SE) ma kienx infurmah biha u allura l-Viċi Sindku laħaq daħal għal impenji oħra.

8.2. Il-Kunsillier Sammut kien infurmah li se jittardja minħabba impenji ta' studju filwaqt li l-Kunsillier Miceli infurmat li ma tistax tattendi.

**9. APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

9.1. Il-Kunsill ikkunsidra l-lista ta' pagamenti pendenti u wara konsiderazzjoni approvaha kif annessa f'B.

9.2. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Sammut. Il-ħin kien it-8:05pm.

**10. LISTA TA' ILMENTI U TALBIET LILL-KUNSILL**

10.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' talbiet u lmenti li kienu diskussi waqt il-laqgħa tal-Bord tal-Ilmenti li saret fis-27 ta' April 10. Din kienet tinkludi r-rakkomandazzjonijiet tal-istess bord.

10.2. Il-Kunsill laqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord iżda l-Kunsillier Bonello esprima li kellu r-riservi tiegħu dwar it-talba numru 20.

**11. ASSIKURAZZJONI TAL-KUNSILL**

11.1. Is-SE informa li kellu l-istimi f'idejh u li l-aħjar kwotazzjoni li waslet kienet mingħand Allcare Insurance Brokers li offrew il-prezz ta' €200 aktar mill-prezz li kien se jħallas il-Kunsill kieku ġedded l-assikurazzjoni mal-kumpanija li kien assikurat magħha bid-differenza li l-ammont kopert għal kull inċident fuq *public liability* tela' għal aktar mid-doppju (minn €230,000 għal €582,343) ta' li kien qabel filwaqt li l-*excess* (l-ewwel parti li jrid joħroġ il-Kunsill f'każ ta' *claim)* naqset minn €2,330 (fejn jidħlu danni kaġunati minn toroq u bankini) għal €1000. Dan ifisser li jekk jinqala' xi każ li imqar jiswa €1200 il-Kunsill ikun diġà ġab id-differenza.

11.2. Il-Kunsill approva l-assikurazzjoni mingħand Allcare Insurance Brokers.

**12. ORGANIZZAZZJONI TAL-KORS E-TFAL**

12.1. Is-SE informa li ta' kull sena, f'dawn l-aħħar snin, il-Kunsill kien jorganizza l-kors e-tfal ma' TCTC u li għalih kien iħallas is-somma ta' €1100 biex il-kors ikun offrut bla ħlas. Huwa kompla li dan il-kors dejjem ikkonkorrew ammont kbir ta' tfal fi żmien il-vaganzi tal-iskola.

12.2. Minħabba li fil-preżent il-Kunsill qiegħed jagħmel eżerċizzju kif inaqqas l-ispejjeż kien qiegħed jirrakkomanda lill-Kunsill li minflok flus jikkumpensa b'reklamar lil TCTC. Huwa kien diġà ddiskuta din il-proposta ma' TCTC u li waslu biex, bħala apprezzament tal-kollaborazzjoni li dejjem kien hemm mill-Kunsill, jaċċettaw din il-proposta.

12.3. Il-Kunsill aċċetta din il-proposta filwaqt li rringrazzja lil TCTC.

12.4. Il-Kunsillier Brincat staqsa dwar lista pendenti ta' nies interessati biex jibdew il-kors tal-kompjuter għall-ewwel darba (*beginners*). Is-SE infurmah li se jiċċekkja dwar din il-lista biex possibilment il-korsijiet jibdew fl-iqsar żmien possibli.

12.5. F'dan il-ħin is-Sindku talbet li tkun skużata għal ftit tal-ħin. Għalhekk kompliet tmexxi l-laqgħa l-Kunsilliera Muscat Fenech Adami.

**13. KOMUNIKAZZJONI**

13.1. Is-SE informa li l-offerti tas-sistemi fotovoltajki li għalihom il-Kunsill kien kiseb €9,800 bħala parti minn skema mnedija mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali, u liema offerti kienu saru konġunti ma' numru ta' Kunsilli Lokali oħra, kien għalqu, saret l-evalwazzjoni tagħhom u rakkomandazzjoni mill-Inġinier tal-Kunsill u dak inhar stess, ftit qabel ma' bdiet il-laqgħa tal-Kunsill, kienet ġiet mgħajjta laqgħa tal-Kumitat maħtur apposta biex tittieħed id-deċiżjoni. Huwa informa li ma seta' jmur ħadd min-Naxxar propju minħabba l-laqgħa tal-Kunsill.

13.2. Is-SE informa li l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ kien se jipproponi proġett li jikkonsisti fi tliet mapep tal-lokalità f'żoni importanti. Huwa spjega wkoll l-iskop tal-Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ u l-mod li qed jaħdmu. Kompla li dawn ikkonsultaw ukoll kemm mal-Kunsillieri responsabbli miż-Żgħażagħ u anki mal-Kunsillier responsabbli mill-Kultura.

13.3. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li l-proċess ta' ġbir ta' informazzjoni dwar in-negozji kważi tlesta. Permezz ta' din l-informazzjoni se jkun jista' jsir kuntatt aktar frekwenti man-negozjanti u b'hekk ikun hemm relazzjoni ferm aħjar għall-benefiċċju ta' kulħadd. Apparti hekk hemm il-ħsieb li jsir direttorju tan-negozji tan-Naxxar. Meta s-SE staqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li għandu jkun hemm sezzjoni fuq il-fuljett tal-Kunsill biex ipoġġi l-ismijiet tan-negozji f'lista, il-Kunsill ma qabilx.

13.4. F'dan il-ħin issemmew il-ġbir ta' reklami għall-kuntatt bil-ħsieb li l-Kunsill iżid in-numru ta' paġni minn dawk imsemmija fl-ewwel parti tal-laqgħa mingħajr ma joħroġ spejjeż minn ġewwa. Il-Kunsillier Bonello irrakkomanda li l-Kunsill iqabbad persuna biex jiġbor ir-reklami u jitħallas b'persentaġġ stabbilit skont l-ammont ta' reklami li jiġbor. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment filwaqt li kien hemm qbil biex fil-laqgħa li jmiss il-Kunsillieri jpoġġu quddiem il-Kunsill dawk l-ismijiet ta' persuni li huma interessati li jipprovdu dan is-servizz.

13.5. Il-Kunsillier Galea ġibed l-attenzjoni dwar il-fatt li għadha ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwar il-petizzjoni li kien hemm mir-residenti biex Triq l-Ifran tiġi f'direzzjoni waħda titla' biss. Huwa fakkar li żewġ persuni biss ma kinux qablu mal-petizzjoni. Wara diskussjoni u wara li s-SE ġibed l-attenzjoni fl-importanza li l-Kunsillieri jkunu ċerti li talba bħal din tintlaqa' tajjeb kien hemm qbil unanimu li l-Amministrazzjoni tibda l-proċess biex tittieħed it-tali miżura ta' direzzjoni unika.

13.6. Il-Kunsill Galea informa li kellu rakkomandazzjoni biex il-bankina fid-daħla ta' Triq Żenqa minn Vjal il-21 ta' Settembru toħroġ 'il barra b'mod li d-daħla tidjieq u b'hekk tnaqqas il-possibilità li wieħed jgħid li ma ndunax li ma jistax jidħol fi Triq Żenqa minn Vjal il-21 ta' Settembru. Il-proposta kienet ukoll li jkun hemm parkeġġ angulat fuq kull naħa tat-triq biex b'hekk possibilment jiżdied il-parkeġġ. Il-Kunsill qabel li jesplora din ir-rakkomandazzjoni fid-dettall u jara jekk tistax titwettaq.

13.7. Il-Kunsillier Sammut beda jispjega fiex wasal fil-kuntatti li kien qiegħed jagħmel fuq l-attività tal-20 ta' Ġunju, **L-Istorja Tmexxi s-Sengħa**. F'dan il-ħin il-

Kunsillier Galea ikkummenta fuq allegat kummenti li saru mill-Kunsillier Sammut ma' terzi persuni dwar din l-attività u li allegatament kienu kummenti infondati u li ma jagħmlux ġieħ lil ħadd. Il-Kunsillier Galea sostna li prova ta' dan huma numru ta' SMS's li kellu u li kienu mingħand persuni midħla sewwa tal-Kunsillier Sammut. Il-Kunsillier Sammut ċaħad li huwa qatt għadda kummenti simili u talab li jġiblu l-persuni quddiemu ħalli jiffaċċjahom. Il-Kunsillier Galea sostna li mhux xieraq li jikxef l-identità ta' min għaddielu l-messaġġi iżda talab biex diskorsi bħal dawn ma jingħadux.

13.8. F'dan il-ħin waslet lura s-Sindku. Il-ħin kien id-8:40pm.

13.9. Wara kummenti mill-Kunsillier Galea li ma kienx qiegħed jiġi involut jew infurmat b'dak li għaddej, kien hemm qbil li għandha tissejjaħ laqgħa tas-sottokumitat tal-attività nhar il-Ħamis fit-2:45pm.

13.10. Reġa' kien hemm diskussjoni pjuttost fit-tul dwar il-proposta għall-proġett tal-Pjazza fejn xi Kunsillieri kienu preokkupati mill-fatt li ma kienx hemm biżżejjed informazzjoni u jeħtieġ isir xi ħaġa. Is-SE informa li qiegħed jikkomunika mal-Perit ħalli jippreżenta dettalji li jkunu jinftiehmu sewwa mill-pubbliku u li għalissa mhux każ li wieħed jallarma ruħu. Insista li jkun aktar għaqli jekk il-Kunsill ma jgħaġġilx aktar milli jista' ħalli kull pass li jagħmel jagħmlu tajjeb.

13.11. Tqajjem is-suġġett tal-immaniġġjar tal-iskart fejn il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami ssuġġeriet li l-Kunsill jaddotta *mascot* biex jeduka lir-residenti ħalli jisseparaw aktar skart. Il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment filwaqt li qabel ukoll mal-isem għall-*mascot* suġġerit mis-SE ta' *Skartinu*.

13.12. Is-Sindku semmiet il-bżonn li jkunu ordnati aktar dwal għall-Milied. Is-SE informa li l-Kunsill ma kienx alloka vot għal dan filwaqt li l-Kunsill għandu jistenna l-eżitu tal-kontijiet finanzjarji verifikati. Il-Kunsill qabel li immedjatament meta jkun possibli għandu jara kif se jwarrab fondi ħalli ssir l-ordni malajr ħalli jkunu ffrankati l-flus fuq il-ġarr tagħhom (*shipping)* lejn Malta.

13.13. Is-SE ippreżenta l-ittra li bagħat lill-Kunsill is-Sur Victor Fenech dwar il-proposta tal-Pjazza. Din kienet meqjusa moqrija minħabba li kienet intbagħtet qabel lil kull Kunsillier permezz tal-*email*. Il-Kunsill qabel li, la darba s-Sur Fenech, wara din l-ittra, beda jikkomunika bl-avukat allura jkun mitlub li jirreferi kull korrispondenza lill-Avukat.

## 14. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

14.1. Meta l-Kunsill għadda biex jagħlaq il-laqgħa kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju fis-7:30pm.

14.2. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fl-22:30pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

# A

**ESTIMI FINANZJARJI 2010**

| **Income** | | |
|---|---|---|
| 0001 | Annual Govt. Income | 806,463 |
| 0015 | Other Govt. Income | 44,800 |
| 0020 | Income from Bye-Laws - Signs | |
| 0021 | Community Services | |
| 0023 | Cultural activities | 2,000 |
| 0024 | Football Ground Hire | 300 |
| 0025 | SKIP PERMITS | 500 |
| 0026 | CRANE PERMITS | 6,000 |
| 0027 | KIOSK PERMIT | 1,600 |
| 0028 | OUTSIDE ACTIVITY PERMITS | 500 |
| 0029 | Other Outside Services | |
| 0030 | Deposit of Scafolding | 3,000 |
| 0031 | Hire of Council Hall | 500 |
| 0032 | Placing of Tables and chairs | 1,000 |
| 0036 | Contraventions | 20,000 |
| 0040 | Damage to Public Property | |
| 0056 | Sponsorships | |
| 0066 | General | |
| 0067 | Document./Info. Charges | 1,200 |
| 0091 | Bank Interest | 300 |
| 0110 | Donations | |
| 0120 | Contributions | 100,000 |
| 0121 | Advertising | 2,000 |
| 0125 | Other contributions related to services | |
| | | **990,163.00** |

| **Expenditure** | | |
|---|---|---|
| *Personal Emoluments* | | |
| 1100 | Mayor's allowance | 9,546 |
| 1101 | Councillors allowance | 10,800 |
| 1200 | Employees' Salaries/Wages | 91,665 |
| 1300 | Bonuses | 8,147 |
| 1400 | Income Supplements | 1,454 |
| 1500 | Social Security Cont. | 9,167 |
| 1600 | Allowances | 350 |
| 1700 | Overtime | 4,000 |
| | | **135,128.20** |

| Operations and Maintenance | | |
|---|---|---|
| 2110 | Fuel | |
| 2130 | Electricity | 12,000 |
| 2140 | Water | 12,000 |
| 2150 | Comm.-Equipment Rental | |
| 2160 | Comm.-Telephone Charges | 5,700 |
| 2210 | Operating Materials & Supplies | 6,500 |
| 2220 | Cleaning Materials & Supp | 200 |
| 2230 | Uniforms | 150 |
| 2240 | Sundry Materials & Supp. | |
| 2250 | Spare Parts | |
| 2310 | Public Property | 2,500 |
| 2311 | Road Patching | 6,000 |
| 2312 | Road Markings | 6,500 |
| 2313 | Street signs | |
| 2314 | Pavements | 10,000 |
| 2315 | Bus Shelters | |
| 2330 | Office Furniture & Equip. | 500 |
| 2340 | Plant & Equipment | 1,000 |
| 2360 | Sundry Repairs | |
| 2370 | Other Repairs & Upkeep | 3,000 |
| 2375 | Council property | |
| 2400 | Rent | 200 |
| 2540 | Participation fees-Int.Mt | |
| 2541 | Participation fee-Nat.Mtg | 400 |
| 2551 | Twinning | 3,500 |
| 2552 | EU supported projects | |
| 2560 | Membership-Local Organis. | |
| 2610 | Printing | 1,000 |
| 2620 | Stationery | 2,500 |
| 2630 | Subscriptions | 50 |
| 2640 | Delivery of Magazine | 1,074 |
| 2650 | Postage | 500 |
| 2660 | Documentation | 100 |
| 2670 | Other Office Services | |
| 2720 | Hire of Transport | 1,000 |
| 2750 | Fuel | 100 |
| 2760 | Payt-Use Personal Vehicle | |
| 2810 | Overseas Tickets | |
| 2820 | Overseas-Subsistance&Acco | |
| 2910 | Public Relations Agency C | |
| 2920 | Creative Services | |
| 2925 | Photographic Services | 1,000 |
| 2930 | Public Relations Expenses | 500 |
| 2940 | Advertising | 500 |

| | | |
|---|---|---|
| 2960 | Publications | 5,400 |
| 2970 | Newspapers | 700 |
| 2980 | Sponsorships | |
| 2995 | Library | 1,000 |
| 3020 | Lease of Equipment | |
| 3030 | Insurance Coverage | 2,000 |
| 3035 | Bank Charges | |
| 3040 | Hire of Skips - Bins on Wheels | |
| 3041 | Domestic Refuse Collection | 142,088 |
| 3042 | Bulky Refuse Collection | 8,000 |
| 3044 | Bring-in sites | |
| 3045 | Domestic Separated Waste Collection | |
| 3046 | Open Skips | |
| 3051 | Road & Street Cleaning | 90,000 |
| 3052 | Cleaning&Maint.Non-Urban | 20,000 |
| 3053 | Clean-Public Conveniences | 11,000 |
| 3055 | Cleaning-Council Premises | 7,526 |
| 3060 | Other Contractual Service | 1,000 |
| 3061 | Clean&Maint-Parks&Gardens | 42,000 |
| 3063 | Clean.&Maint-Beaches&C.A. | 30,000 |
| 3065 | Street lighting contract | 5,000 |
| 3070 | Circular Bus Naxxar - Public Transport | 5,000 |
| 3110 | IT Development Services | 3,000 |
| 3120 | Works Inspection Service | 6,000 |
| 3125 | Handyman Service | 30,576 |
| 3130 | Engineering Services | 3,000 |
| 3140 | Legal Services | 2,000 |
| 3150 | Medical Services | 2,000 |
| 3160 | Accountancy Services | 3,500 |
| 3170 | Secretarial services | |
| 3190 | Other Support Services | 2,600 |
| 3195 | Guard & Warden services | 500 |
| 3220 | In-house Training Program | |
| 3230 | Course Subsidies-Employee | |
| 3250 | Course Fees-Local Train. | 1,000 |
| 3310 | Entertainment | |
| 3320 | Conference Expenses | |
| 3330 | Visits-Foreign Delegation | |
| 3340 | Other Hospitality Costs | 1,000 |
| 3350 | Annual General Meeting | 500 |
| 3360 | Social Events | |
| 3361 | Festa Naxxar | |
| 3362 | Christmas Decorations | |
| 3370 | Cultural Events | 15,000 |
| 3380 | Community Services | |

| | | |
|---|---|---|
| 3381 | Organisation of Courses | 1,500 |
| 3390 | Donations | |
| 3410 | Sundry Minor Expenses | |
| 3700 | STREET LIGHTING (see 3065) | |
| | | **521,363.80** |

| | |
|---|---|
| **Total Overheads** | **656,492.00** |
| **Net profit** | **333,671.00** |

| **Capital Expenditure** | | |
|---|---|---|
| 7001 | Acquisition of Property | |
| 7210 | Office Furniture/Fittings | 1,000 |
| 7211 | Day centre for Elderly | |
| 7225 | Out Door Fixtures | |
| 7230 | New Street Signs | 3,000 |
| 7240 | Urban Improvements | 128,000 |
| 7251 | Computer Equipment | |
| 7310 | Office Equipment | |
| 7320 | Plant & Machinery | |
| 7500 | Special Programmes | 14,500 |
| 7501 | SPEC. PROGRAM RESURFACING | 160,128 |
| | Website | 3,000 |
| | | |
| | | 309,628 |

| **Balance b/f (incl. Previous balances)** | -5,000 |
|---|---|
| Total Income | 990,163 |
| Less Personal Emoluments | 135,128 |
| Less Operations and Maintenance | 521,364 |
| Less Capital Expenditure | 309,628 |
| Less already committed. | |
| **Balance for the year** | **19,043** |

*Din it-tabella turi kif l-allokazzjoni giet imqassma lill-Kunsill Lokali Naxxar*

| FUNZJONI | € |
|---|---|
| PARKI, ĠONNA U 'SOFT AREAS' | *24,716* |
| MANUTENZJONI TA' TOROQ | *352,704* |
| IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART | *174,613* |
| NEFQA GĦALL-AMMINISTRAZZJONI | *141,943* |
| FOND GĦALL-AĠĠUSTAMENT | *55,399* |
| * AMMONT ALLOKAT GĦAL 'TIPPING FEES' | *57,088* |
| ALLOKAZZJONI TOTALI € -> | *806,463* |